MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Numru. 854/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Charlot Calleja ta' 30 sena bin Emanuel u Margaret nee` Grima imwieled Pieta` fit-30 ta' Marzu 1982 u joqghod 153, Valletta Road, Rahal Gdid detentur tal-karta tal-identita' numru 192782M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat tallifil-31 ta' Lulju 2013 f'xi hinijiet qabel is-7.30pm gewwa Triq id-Dghajjes Rahal u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Innovatek u/jew oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Volkswagen Golf numru ta' registrazzjoni DAL806 ghad-detriment ta' Ronald Urry minn Santa Lucija u/jew ta' persuni ohra liema serq hu

aggravat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 euro, lok, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tittratta mal-imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu limea sentenzi illum huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi kkopera mal-pulizija w ir-resfurtiva giet ritornata lid-derubat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(g), 265, 269, 271, 279 (a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zimen tlett (3) mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi

xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------